# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1660/00mm**

**Anthony Cascun**

**vs**

**Emanuel Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-4 ta' Dicembru 2000 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm862), inkluz il-VAT, rapprezentanti xoghol ta' lavur u gwarnica u sopra bank tal-opramorta li sar mill-attur b'inkarigu tal-konvenut fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fl-Imsida.

Bl-imghaxijiet legali minn notifika ta' l-avviz u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Novembru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-intempestivita' ta' l-azzjoni attrici peress illi x-xoghol ghadu ma giex certifikat bhala approvat mill-Perit li sorvelgia x-xoghol;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi s-subappalt inkwistjoni ma giex ezegwit minnu skond is-sengha u l-arti, u kien biss "pendente lite" li l-atturi bl-ghajnuna ta' l-eccippjent li rranga d-difetti fix-xoghol tieghu.

3. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-premess l-ammont reklamat huwa eccessiv peress illi l-prezz miftiehem, wara skont ta' Lm50, kien ta' Lm700 u minn dan irid jitnaqqas ukoll il-hlas tal-konsult li ghamel l-eccipjent biex jigi rrangat ix-xoghol hazin ta' l-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien imqabbad mill-Kumitat tal-Kazin Nazzjonalista ta' l-Imsida sabiex jaghmel xoghol ta' gebel

fuq il-faccata ta' dan il-kazin. Il-konvenut minn naha tieghu qabbad lill-attur sabiex jaghmillu xi xoghol partikolari fuq il-faccata li jinkludu l-gallarijiet fuq kull sular. Dan ix-xoghol gie esegwit mill-attur u pprezenta kont a fol 23 tal-process. Il-kont ilahhaq is-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm862.00).

Fix-xhieda tieghu l-attur spjega x-xoghol li huwa ghamel f'dan il-kazin u kif gie mqabbad mill-konvenut. Dan il-fatt mhuwiex kontestat la mill-konvenut u lanqas mill-President tal-Kumitat tal-Kazin, Alex Manfre' li rrikonoxxa li l-attur ghamel xoghol ta' gebel f'dawn il-galleriji u fil-faccata tal-kazin. Gara pero', li kien hemm xi disgwid bejn il-konvenut u l-kumitat tal-kazin, peress illi l-faccata tal-kazin ma gietx mibnija skond il-permess u ghalhekk ma giex mohrug ic-certifikat sabiex il-kazin ikun jista jigi nstallat il-kurrent elettriku. Minhabba f'hekk il-kazin dam maghluq ghal tlett snin u ghadu maghluq sallum. Il-konvenut fil-fatt ghandu kwistjoni wkoll mal-kazin dwar xi hlas peress illi ghandu jiehu xi flus. A fol 27 tal-process il-konvenut ighid car u tond "bhala cifra jiena qieghed naqbel ma' l-ammont li qieghed jitlob l-attur fl-avviz. Ma hemmx kontestazzjoni dwar dan, l-unika haga pero' hi li jiena minix f'posizzjoni li nhallas peress li jiena ghandi ma thallastx mill-kazin". Fil-fatt dana huwa konfermat minn Alex Manfre' illi qal kategorikament illi mhumiex f'posizzjoni li jhallsu lill-konvenut peress illi l-kazin m'ghandhux flus ghax mhux qieghad jinfetah.

Irrizulta wkoll illi sar ftehim bejn il-partijiet illi l-attur kellu jnaqqas hamsin lira (Lm50.00) mill-kont. Peress illi dan il-kont illi

pprezenta quddiem il-Qorti ma fihx dan it-tnaqqis, il-Qorti jidhrilha illi wara l-ammissjoni tal-konvenut, huwa l-kaz illi taghmel dan l-aggustament halli b'hekk ikun gie rifless il-ftehim illi kien hemm bejn il-partijiet. Mill-bqija l-Qorti ma hemm xejn x'tikkonsidra f'dan il-kaz. Il-konvenut ammetta illi ghandu jaghti dan l-ammont kif dedott fl-avviz u ghalhekk fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni u l-provi l-ohra migjuba mill-attur, il-Qorti jidhrilha illi dan ta' l-ahhar ipprova l-kaz tieghu li jimmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' tminn mija u tnax-il lira (Lm812.00) inkluz il-VAT rapprezentanti xoghol ta' valur u gwarnica u sopra bank tal-opramorta li sar mill-attur b'inkarigu tal-konvenut fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fl-Imsida.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg